*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, M. Konstantinidis u C. Urraca Caviedes, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Trapeza Peiraios AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: S. Pappas, I. Ktenidis u C. Apalagaki, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tal-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/610/KE, tat-2 ta' Lulju 2008, dwar il-miżuri C-16/04 (ex NN 29/04, CP 71/02 u CP 133/05) implimentati mill-greċja favur it-tarzjnari elleniċi [l-impriża Hellenic Shipyards SA] (JO 2009, L 225, p. 104).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Elliniki Nafpigokataskevastiki AE Chartofylakeiou, Howaldtswerke-Deutsche Werft GmbH u ThyssenKrupp Marine Systems AG huma kkundannati sabiex ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Trapeza Peiraios AE.*

---

([1]) ĠU C 301, 22.11.2008.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2011 — Idromacchine et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-88/09)** ([1])

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni — Frażijiet li jistgħu joħolqu preġudizzju lil kumpannija terza — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Obbligu tas-sigriet professjonali — Danni mhux materjali — Danni materjali — Rabta kawżali — Interessi moratorji u kumpensatorji")***

(2011/C 370/37)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Idromacchine Srl (Porto Marghera, l-Italja); Alessandro Capuzzo (Mirano, l-Italja); u Roberto Capuzzo (Mogliano Veneto, l-Italja) (rappreżentanti: W. Viscardini u G. Donà, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan u E. Righini, aġenti, assistiti minn F. Ruggeri Laderchi, avukat)

### Suġġett

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minħabba l-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' informazzjoni li tiżgwida li b'mod partikolari tippreġudika l-immaġini u r-reputazzjoni ta' Idromacchine fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 5426 finali, tat-30 ta' Diċembru 2004, "Għajnuna mill-Istat — l-Italja — Għajnuna mill-Istat N 586/2003, N 587/2003, N 589/2003 u C 48/2004 (ex N 595/2003)] — Estensjoni bi tliet snin tat-terminu ta' kunsinna ta' tanker — Stedina sabiex jiġu preżentati kummenti skont l-Artikolu 88(2) KE".

### Dispożittiv

(1) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil Idromacchine Srl kumpens ta' EUR 20 000 għad-dannu mhux materjali subit min din tal-aħħar.*

(2) *Il-kumpens li għandu jitħallas lil Idromacchine għandu jiġi miżjud bl-interessi kumpensatorji, mit-18 ta' Frar 2005 sal-għoti ta' din is-sentenza, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti.*

(3) *Il-kumpens li għandu jitħallas lil Idromacchine għandu jiġi miżjud bl-interessi moratorju, mill-għoti ta' din is-sentenza sal-ħlas sħiħ tal-imsemmi kumpens, bir-rata stabbilita mill-BĊE għall-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti.*

(4) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(5) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha u żewġ terzi tal-ispejjeż ta' Idromacchine, ta' Alessandro Capuzzo u ta' Roberto Capuzzo li għandhom ibatu terz tal-ispejjeż tagħhom stess.*

---

([1]) ĠU C 102, 01.05.2009.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2011 — Esprit International vs UASI — Marc O'Polo International (Rappreżentazzjoni ta' ittra fuq but)

**(Kawża T-22/10)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Talba għal trade mark Komunitarja figurattiva li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ta' ittra fuq but — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti li tirrappreżenta ittra — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2011/C 370/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Esprit International LP (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Treis, u E.-M. Strobel avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment S. Schäffner, sussegwentement G. Schneider, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Marc O'Polo International GmbH (Stephanskirchen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Gaul, V. Spitz, T. Golda u S. Kirschstein-Freund, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Novembru 2009 (Każ R 1666/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Marc O'Polo International GmbH u Esprit International LP.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Esprit International LP hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 100, 17.04.2010.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2011 — Ben Ri Electrónica vs UASI — Sacopa (LT LIGHT-THECNO)

## (Kawża T-143/10) [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva LT LIGHT-THECNO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti LT — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2011/C 370/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ben Ri Electrónica, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A.I. Alejos Cutuli, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Sacopa, SAU (Sant Jaume de Llierca, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ben Ri Electrónica, SA u Sacopa, SA.

### Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 1625/2008-4), hija annullata.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Ben-Ri Electrónica, SA.*

[1] ĠU C 134, 22.05.2010

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2011 — Three-N-Products Private vs UASI — Shah (AYUURI NATURAL)

## (Kawża T-313/10) [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AYUURI NATURAL — Trade marks Komunitarji verbali u figurativi preċedenti AYUR — Raġuni relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/209")***

(2011/C 370/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Three-N-Products Private Ltd (New Delhi, l-Indja) (rappreżentant: C. Jäger, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Sheilesh Shah (Wembley, ir-Renju Unit); u Akhil Shah (Wembley) (rappreżentant: M. Chapple, barrister)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-1 ta' Ġunju 2010, (Każ R 1005/2009-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Three-N-Products Private Ltd u S. Shah u A. Shah u M. M. Shah.

### Dispożittiv

(1) *Id-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-1 ta' Ġunju 2010, (Każ R 1005/2009-4) hija annullata.*

(2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk ta' Three-N-Products Private Ltd.*

(3) *Sheilesh Shah u Akhil Shah għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Three-N-Products Private Ltd għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell.*

[1] ĠU C 260, 25.09.2010.